**29 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Paul Valletta

**Traffiku — Ordnijiet tal-Pulizija — Art. 12 tal-Kap. 105, u 352 (g) tal-Kap. 12.**

*Ordni tal-Pulizija lil driver ta' char-a-banc biex jagħmel "trip" determinat hu leġittimu u għandu jiġi obdut; għax il-Kummissarju tal-Pulizija għandu l-poter li, f'każ ta' emerġenza, jew ta' konkors straordinarju ta' nies, jordna lix-char-a-bancs jaħdmu provviżorjament fuq linja oħra. Hu ovvju li dan l-ordni mhux suppost li jingħata mill-Kummissarju tal-Pulizija personalment, imma hu biżżejjed li jingħata f'ismu minn uffiċjal minnu delegat għal daqshekk.*

*Il-kontravvenzjoni ta' min jirrifjuta li jagħti ismu u l-partikularitajiet tiegħu lill-Pulizija tavvera ruħha avvolja l-membru tal-Pulizija li jitlob dawk il-partikularitajiet ikun jaf l-isem u l-kunjom tal-persuna li tiġi mistoqsija tagħtihomlu; u anki jekk dik il-persuna, li tkun irrifjutat tagħti dawk il-partikularitajiet, tispiċċa biex tagħtihom.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra Paul Valletta quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'Porta Reale, fil-15 ta' Awissu 1960, fis-6.45 p.m., waqt li kien qiegħed jaħdem ta' driver fix-char-a-banc numru 3302, naqas jobdi l-ordni lilu mogħti mill-Pulizija, waqt li dan kien qed jaqdi dmiru, biex jagħmel trip mill-Għadira għall-Belt; barra minn dan, irrifjuta jagħti ismu u l-partikularitajiet tiegħu lill-Pulizija meta ġew mitluba. Il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Settembru 1960 li biha sabitu ħati u kkundannatu £2.10.0 ammenda għall-ewwel imputazzjoni, £2.10.0 għat-tieni mputazzjoni, u ordnat is-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu għal żmien tmien tijiem;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni, li l-appellant naqas jobdi l-ordni tal-Pulizija biex jagħmel trip mill-Għadira għall-Belt;

Jirriżulta mill-provi li fil-fatt dan l-ordni ġie mogħti lill-appellant. Dak l-ordni kien leġittimu fil-forma u fis-sustanza tiegħu. L-art. 12 tal-Kap. 105 jagħti poter lill-Kummissarju tal-Pulizija li f'każ ta' emerġenza, jew ta' konkors straordinarju ta' nies, jordna char-a-bancs li jaħdmu provviżorjament fuq linja oħra. Hu ovvju li l-Kummissarju mhux suppost li jagħti "personalment" dawn l-ordnijiet fl-emerġenzi li jistgħu jinqalgħu skond il-bżonn tal-mument, imma hu biżżejjed li jingħataw f'ismu minn uffiċjal minnu delegat għal daqshekk — dak li appuntu sar f'dan il-każ (ara xhieda Spettur Rizzo Bamber);

Jirriżulta wkoll mill-provi, mhux biss tal-prosekuzzjoni, imma anki tal-istess difiża, li l-appellant irrifjuta li jobdi l-ordni lilu mogħti. Il-versjoni li ttanta jagħti l-appellant fix-xhieda tiegħu hija deformazzjoni tal-verità, kif din tirriżulta mill-unanimità tax-xhieda "in offensis" u "in defensis";

Il-pretest li adduċa l-appellant lis-surġent Sciberras, fis-sens li, jekk imur l-Għadira, jagħmel ħsara lill-vettura, u li ried ikellem lill-prinċipal tiegħu, ma kienx attendibbli; għaliex, anki jekk ix-char-a-banc tal-appellant kien ġdid, f'dik l-istess okkażjoni marru char-a-bancs oħra ġodda bla ebda tilwim ta' xejn, u l-perikolu ta' ħsara kien immaġinarju. Lanqas kien hemm bżonn li l-imputat jitkellem mal-prinċipal tiegħu: għaliex hu dover tad-driver, skond il-liġi, li jobdi l-ordni tal-Pulizija;

Kwantu għat-tieni mputazzjoni, li l-imputat irrifjuta jagħti ismu u l-partikularitajiet tiegħu lill-Pulizija;

Il-fatti li jemerġu mill-preponderanza tal-provi, inklużi dawk tad-difiża, huma dawn: X'ħin l-appellant irrifjuta jagħmel it-triq lilu ordnat, allura s-surġent sejjaħlu fil-kabina sabiex jieħu l-partikularitajiet tiegħu. L-appellant irrispondieh "Mhux il-lum, għadha, għax sejjer nieħu t-tè." L-appellant taħ ismu biss wara li rrifjuta għal xi darbtejn jew tlieta, u wara li s-surġent kellu joħroġ mill-kabina u daħħlu forzatament ġewwa. L-appellant bagħat ix-xhud Perkins għall-liċenza wara li kien diġà rrifjuta jagħti ismu non ostanti l-insistenzi tas-surġent;

Il-kontravvenzjoni in kwistjoni hi dik kontemplata fl-art. 352(g) tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:— "Jirrifjuta jagħti, jew jagħti falz, lill-uffiċjal publiku, jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz publiku, waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod, u partikularitajiet oħra tiegħu";

Id-difiża eċċepiet li s-surġent kien jaf isem u kunjom l-appellant, u għalhekk ma kellux bżonnhom u ma kienx fid-dritt li jeżiġihom mill-appellant. Fil-fatt, is-surġent kien jaf li l-appellant kien jismu Pawlu Valletta. Hu veru li kien hemm xi awturi, fosthom il-Maino, Comm. Cod. Pen. It. art. 436, para. 2106, li esprimew l-opinjoni li, jekk l-uffiċjal publiku jkun jaf il-persuna li tkun, allura ma hemmx kontravvenzjoni jekk din il-persuna tirrifjuta l-intima tal-partikularitajiet. Iżda hija aktar sana l-ġurisprudenza tal-Cassazione Penale, 7 ta' Lulju 1896, in re Cretti, riportata fil-Mon. Trib. 1896, p. 867, u Cassaz Unica Vol. VII, p. 1035, fis-sens li "la conoscenza per parte del pubblico ufficiale della persona cui sono richieste le generalità non elimina la contravvenzione". L-Imħallef sedenti jaqbel ma' din il-ġurisprudenza; mhux biss għax ir-raġuni li jagħti in kuntrarju l-Maino ma tipperswadix, imma anki għaliex l-uffiċjal jista' jkollu bżonn, u jkun irid, u l-liġi ssemmi, konnotati oħra barra l-isem u l-kunjom. L-espressjoni wżata fil-liġi, ċjoè "partikularitajiet oħra", hija komprensiva, u għalhekk il-konoxxenza tal-isem u l-kunjom tista' ma tkunx biżżejjed għall-finijiet tal-ġustizzja;

Id-difiża obbjettat ukoll li fil-fatt l-appellant spiċċa biex

iddeklina l-partikularitajiet tiegħu, anki jekk għall-ewwel irrifjuta jagħtihom. Anki hawn l-Imħallef sedenti jaqbel ma' dik il-ġurisprudenza li rriteniet "sussistere la contravvenzione quando la persona richiesta ricorra a pretesti o tergiversazioni per non declinare tosto le generalità al pubblico ufficiale che gliele richiede...... o se dopo di averle rifiutate, le dia più tardi" (Cassaz. Penale 31 Marzo 1892, Ferrari, Cassaz. unica III, p. 675; Giurisp. Penale 1892, p. 280; Corte Suprema 1892, p. 362; Rivista Penale, Vol XXXVI, p. 89, Reitano 24 Sett. 1902; Monitore Tribunali 1903, p. 139; u anki Rivista Penale, LV, p. 638; ara wkoll Cassaz. Penale 16 Febb. 1899, Noè, u 9 Febb. 1899 Rormica, Riv. Penale XLIX, p. 433). L-argumenti tal-ġurisprudenza kuntrarja tal-Qrati Taljani ma humiex konvinċenti, u filfehma tal-Imħallef sedenti, is-sentenza kuntrarja tista' tagħti lok għal inkonvenjenti serji, in kwantu li l-persuna li lilha jiġu mitluba l-partikularitajiet tkun tista' allura tiddilazzjona d-diżubbidjenza tagħha sakemm jogħġobha, kapriċċ tagħha, u forsi anki sakemm jiġu kommodament eliminati t-traċċi tar-reat li jkun, b'mod li tiġi ostakolata l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Id-difiża opponiet ukoll li l-appellant bagħat iġib illiċenza biex jagħtiha lis-surġent. Kontra din id-deduzzjoni defensjonali hemm żewġ riflessi; wieħed ta' fatt, in kwantu li mix-xhud tad-difiża Perkins jirriżulta li l-appellant bagħtu għall-liċenza wara li diġà kien ripetutament irrifjuta jobdi l-intima tas-surġent; u l-ieħor ta' dritt, in kwantu li fuq dan il-punt ukoll l-Imħallef sedenti jikkondividi l-fehma ta' dik il-ġurisprudenza estera li rriteniet kolpevoli ta' din il-kontravvenzjoni lil min jillimita ruħu li jeżibixxi l-liċenzja ossija permess biss (Cassaz. Penale 8 Maggio 1891, Persi. Giurisp. Penale 1891, paġ. 468; Monitore Trib. 1891, p. 887). Infatti, jista' jkun hemm xi partikularità oħra li tkun meħtieġa sabiex il-ġustizzja tista' tiġi soddisfatta;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sospensjoni tal-liċenza tibda minn nhar it-Tnejn, 31 ta' Ottubru 1960.